MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2756/2002

**Avviz Numru 2756/02 AJD**
**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Paul Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm163.71) rappresentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru99470246.
Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont mitlub sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Beppe Fenech Adami in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm163.71),bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**